MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2012

Citazzjoni Numru. 437/2010

**A B**

**vs**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mill-attrici, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

1. Illi r-rikorrenti u l-intimat huma l-genituri ta’ zewg minuri tewmien li twieldu fl-4 ta’ Settembru 2008 li inghataw l-isem J D B u N Cauci B (Dok. A u Dok. B);
2. Illi r-rikorrenti u l-intimat ma humiex mizzewgin;
3. Illi l-intimat abbanduna liz-zewg uliedu tant illi la qed jissoministra manteniment ghalihom u rari jitlob li jarahom u dan nonostante diversi interpellazzjonijiet da parti tar-rikorrenti. Ir-rikorrenti qeghda mhux biss trabbi wahedha liz-zewg uliedha minuri izda qeghda wkoll tiffacja diffikultajiet finanzjarji notevoli minhabba in-nuqqas

da parti tal-intimat li jghin finanzjarnament fit-trobbija taz-zewg uliedu minuri;
4. Illi huwa fl-ahjar interess tal-minuri li l-kura u l-kustodja taz-zewg minuri tkun affidata lill-istess rikorrenti;
5. Illi l-intimat ghadu sallum ma jhallas l-ebda manteniment ghall-minuri u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;
6. Illi r-rikorrenti giet awtorizzata tipprocedi b'kawza permezz ta' digriet ta' din l-Onorabbli Qorti tas-26 ta' Ottubru 2010, (Dok C);

Talbet li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Takkorda l-kura u l-kustodja tal-imsemmija zewg minuri J D B u N D B a favur r-rikorrenti A B;
2. Tiddikjara illi l-intimat C D huwa responsabbli ghall-hlas tal-manteniment versu z-zewg minuri imsemmija;
3. Tiffissa dik ir-retta alimentarja a favur l-imsemmija zewg minuri oltre r-rata ta' awment annwali li ghandu jkun hemm fir-rata ta' manteniment hekk stabbilit;
4. Tikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti ir-retta alimentarja dovuta ghaz-zewg minuri hekk stabbilita;

Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra l-intimat ingunt ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut, li *in forza* taghha huwa eccepixxa :

1. Illi l-konvenut dispost li jhallas manteiment basta jkun gust u ekwu fid-dawl tal-fatt li l-istess esponent ghandu paga baxxa;
2. Illi di piu' irid jittiehed kont ta' l-introjtu ta' l-attrici, li wkoll ghandha obbligu li tmantni liz-zewg ulied minuri daqs il-konvenut;

Salvi risposti ohra;

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat:

Illi l-qorti ghandha quddiemha principalment kawza ghall-kura u l-kustojda tal-minuri J D B u N Gauci B akkompanjata b'talba ghal likwidazzjoni u ordni ghall-hlas ta' manteniment ghall-istess ulied da parti tal-intimat. Min-naha tieghu, l-intimat jissottometti li fil-principju jaqbel li ghandu jigi ordnat ihallas manteniment ghal uliedu pero' dan ghandu jkun wiehed li jiehu in konsiderazzjoni l-paga baxxa tieghu kif ukoll l-introjtu tal-attrici.

Il-qorti mill-ewwel tirrileva li kawzi bhal ma hija dik prezenti ghandhom jigu decizi abbazi tal-principju generali tal-ahjar interessi tal-minuri.

**<u>Dwar it-talba ghall-kura u l-kustodja u access</u>**

Illi jirrizulta li l-partijiet m'humiex mizzewgin izda frott tar-relazzjoni taghhom nhar l-4 ta' Settembru 2008 twieldu t-tewmin J u N Gauci B, liema relazzjoni llum tkissret b'mod irrimedjabbli.

L-attrici tikkontendi li l-intimat abbanduna lil uliedu tant li minkejja li tinterpellah sabiex jarahom, huwa rari jezercita d-dritt ta' access ghall-istess ulied. Mill-lat finanzjarju, l-attrici tiddikjara wkoll li qieghda jkollha diffikultajiet sabiex tlahhaq mal-hajja stante li l-intimat ma jghinx b'mod finanzjarju ghat-trobbija tal-ulied tant li tiddikjara li sal-gurnata li giet intavolata l-kawza odjerna, l-intimat kien ghadu qatt ma hallas ebda forma ta' manteniment ghal uliedu.

Illi dwar it-talba ghall-kura u l-kustodja tal-ulied, il-qorti preliminarjament tirrileva li l-intimat jidher li m'ghandu

ebda oggezzjoni li l-attrici tkun fdata bil-kura u l-kustodja tal-istess minuri *stante* li fir-risposta guramentata tieghu, jghid li huwa dispost li jhallas manteniment gust u ma jaghmel ebda kontro-talba ghall-kura u l-kustodja tal-istess ulied. Minkejja li dwar l-ewwel talba allura jirrizulta li m'hemmx kontestazzjoni, il-qorti xorta wahda necessarjament trid tasal ghall-konkluzjoni li huwa fl-ahjar interessi tal-minuri li jkunu taħt il-kura u l-kustodja tal-attrici.

L-attrici tghid li l-minuri jghixu maghha u mal-genituri taghha (u cioe' n-nanniet materni taghhom) f'dar wahda f'ambjent tajjeb ta' familja responsabbli, nisranija u edukattiva. Tghid ukoll li l-istess ulied huma mahbubin. Issemmi episodji meta l-minuri kienu mal-intimat fejn ma hax il-prekawzjonijiet necessarji ghal dak li jirrigwarda is-*safety* tal-istess minuri fil-vettura peress li ma kienux qed jivvjaggaw go sedil tal-karozza tat-trabi adegwati ghall-eta' li kellhom dak iz-zmien. Episodju iehor li ssemmi l-istess attrici jirrigwarda l-applikazzjonijiet tal-iskola tal-istess minuri. L-attrici kellha bzonn il-firma tal-intimat sabiex il-minuri jibdew imorru l-iskola imma minkejja li bghatitlu numru ta' messaggi u sahansitra haditlu l-inkartament necessarju, giet infurmata minn xi hadd residenti fl-istess dar fejn l-attrici kien minghaliha li jghix l-intimat, li dan tal-ahhar ma kienx ghadu jghix hemm. Tenut kont li l-attrici ma kellha ebda hjiel dwar fejn seta' kien qed jghix l-intimat, ippruvat tikkuntattjah imma giet injorata bir-rizultat li l-attrici spiccat ghamlet kollox wahedha biex tassigura ruhha li l-minuri kienu xorta wahda ser imorru l-iskola.

L-attrici tghid ukoll li hija omm responsabbli u ezemplari billi taghmel sagrificcji kbar ghal uliedha, tant li tikkontendi li l-intimat u l-familjari tieghu huma konxji ta' dan. Il-qorti tirrileva li mill-provi esebiti u mix-xhieda kostanti tal-attrici li wara kollox ma giet kontradetta bl-ebda mod, jirrizulta bl-aktar mod car li l-attrici hija idoneja sabiex tigi fdata bil-kura u l-kustodja tal-istess uliedha u illi huwa fl-ahjar interess tal-istess ulied li jkomplu jghixu u jigu kurati mill-istess ommhom.

Gialadarba l-qorti hija konvinta li l-attrici ghandha tinghata l-kura u l-kustodja tal-ulied, allura huwa necessarju li jigi diskuss l-access favur l-intimat missierhom.

L-attrici taghti l-verzjoni taghha ta’ kif l-access kien qieghed jigi ezercitat mill-intimat u cioe’ darba fil-gimgha, is-Sibt jew il-Hadd ghal saghtejn u nofs u dan biss meta jkun rikjest mill-istess intimat. Tghid ukoll li qatt ma ppermettiet li l-access isir filghaxijiet ghaliex il-minuri mdorrijin jorqdu kmieni u barra minn hekk, l-intimat mhux l-ewwel darba li dam gimghat biex ghamel kuntatt maghha biex ikun jista' jara lil uliedu. L-attrici zzid tghid li l-access favur l-intimat ghandu jkun ipprojbit ghal diversi postijiet fosthom kazini, kmamar tal-loghob tan-nar, barijiet u loghbiet tal-football fost ohrajn sabiex ma jsir ebda dannu mentali ghall-minuri.

Il-qorti tirrileva li filwaqt li hija gustifikata li tinkwieta u ma tridx lill-minuri li jiffrekwentaw tali postijiet, mhux il-postijiet kollha msemmija minnha huma ta' perikolu ghall-istess minuri. Huwa importanti li jinstab bilanc bejn il-postijiet li huma verament ta' perikolu bhall-kmamar tan-nar u postijiet li mhumiex idoneji ghall-minuri bhall-kazini u barijiet u postijiet ohra bhal loghbiet tal-football li minnhom innifishom mhumiex konsiderati li huma ta' detriment ghall-istess minuri. Ghandu jkun l-istess missier li jaghraf imbaghad jekk l-ambjent innifsu ikunx wiehed idoneju ghall-minuri jew le. F'dan il-kuntest il-qorti taghmel referenza ghad-digriet taghha kif diversament preseduta tal-11 ta' April 2011 fejn l-intimat inghata access ghal ulied kull nhar ta' Erbgha mill-5.00pm sas-7.00pm u b'mod alternattiv kull nhar ta' Sibt jew Hadd mid-9.00am sal-11.00am b'dan illi l-minuri m'ghandhomx jittiehdu f'postijiet mhux adattati ghat-tfal, bhal kazini. M'ghandhomx ikunu fil-prezenza ta' terzi mhux membri tal-familja. Lanqas ma ghandhom jitrikkbu f'karozza bla *car seat* adattat.

Fid-dawl tac-cirkustanzi l-qorti thoss li m’hemm ebda bdil ta’ cirkustanza li jista’ jwassalha sabiex temenda l-access li diga’ gie stabbilit u li permezz tieghu ir-rutina tal-istess ulied giet stabbilita ad eccezzjoni tal-*car seat stante* li l-

minuri issa m'ghandhomx dik l-eta' tant tenera li ghandhom bzonn il-*car seat*.

**<u>Dwar it-talba ghal manteniment</u>**

L-attrici permezz tal-afffidavit taghha tiddikjara li bejn il-partijiet kien hemm ftehim verbali fis-sens li l-intimat kien accetta li jhallas is-somma ta' mitt ewro (€100) kull hmistax –il gurnata bhala manteniment tal-ulied izda dan il-ftehim ma giex onorat mill-intimat. Hi tghid ukoll li d-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali gie infurmat b'tali ftehim verbali u konsegwentement, l-allowance relattiv inhadem fuq tali ftehim izda sussegwentement, l-istess attrici permezz ta' ittra datata s-16 ta' Gunju 2010, infurmat lid-Dipartiment tas-Sigurta Socjali illi l-konvenut ghal perjodu ta' xhur ma kienx ghadda manteniment ghal uliedu minuri.

Permezz tal-affidavit taghha l-attrici tghid ukoll li talbet lill-intimat jghinha b'mod finanzarju sabiex il-minuri jkunu jistghu jibdew jattendu fic-centru ta' matul il-jum ghall-Harsien tat-tfal izda l-intimat, minkejja li principalment ma kellux oggezzjoni ghal din l-idea, irrifjuta li jhallas, anke meta kien jaf li din il-pass kien importanti sabiex l-attrici terga' tirritorna lura ghax-xoghol sabiex tkun tista' tmantni lilha nnifisha u lil uliedha (anke tenut kont li l-istess intimat qatt ma hallas manteniment ghall-istess ulied). Flimkien mal-affidavit taghha, l-istess attrici tannetti wkoll kopja ta' nota li permezz taghha telenka l-ispejjez li qieghda tinkorri ghall-istess ulied u li taghhom l-intimat ma jikkontribwixxi bl-ebda mod.

L-attrici tghid ukoll li l-intimat ghandu jigi ordnat ihallas ukoll is-somma ta' €100 kull hmistax ghaz-zmien li baqa' ma hallasx izda il-qorti tirrileva li tali talba ma tinkwadrax ruhha fit-talbiet tar-rikors promotur u konsegwentement, tali dikjarazzjoni ma tista' bl-ebda mod tigi riflessa fid-decizjoni tal-qorti.

L-attrici in kontro-ezami tghid li tahdem mal-kunsill lokali ta' San Pawl il-Bahar bhala Assistant Principal fuq bazi ta' reduced hours u ghandha introjtu ta' madwar €800 jew €900 kull 4 gimghat wara li titnaqqas it-taxxa u l-

kontribuzzjoni socjali. L-istess attrici tipprezenta kopja tal-FS3s relattivi ghas-sena 2010 u 2011 li juru li l-introjtu taghha huwa dak ta' €186.64 fil-gimgha (ibbazat fuq is-sena 2011). Ix-xhud Ivan Cilia mid-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali jixhed li l-attrci irceviet numru ta' pagamenti bhala allowances u dawn l-ammonti jikkonfiguraw f'diversi dokumenti esebiti mill-istess xhud (ara Dok. Dss1 esebit a fol 76 tal-process). Mill-payslips esebiti mar-risposta tal-intimat ghar-rikors tal-attrici datat is-16 ta' Dicembru 2010, jirrizulta li l-intimat ghandu introjtu ta' madwar €700 fix-xahar. Min-naha tieghu l-intimat jikkontendi li apparti l-fatt li tali introjtu huwa wiehed baxx, ghandu l-ispejjez tal-kirja tal-appartament tieghu li tammonta ghal €230 fix-xahar (ara l-kuntratt ta' kera relattiv esebit mal-istess risposta).

Il-qorti taghmel referenza ghad-digriet tal-31 ta’ Jannar 2011 u li permezz tieghu l-intimat gie ordnat ihallas is-somma ta’ €250 kull erba` gimghat oltre nofs l-ispejjez tas-sahha u l-edukazzjoni tal-istess ulied. Il-qorti taghmel referenza wkoll ghar-rikors intavolat mill-attrici nhar it-3 ta’ Marzu 2011 u li permezz tieghu talbet li tali manteniment ghandu jitnaqqas direttament mill-paga tal-intimat, liema talba giet milqugha permezz ta’ digriet datat id-9 ta’ Marzu 2011.

Fid-dawl ta' tali provi u fid-dawl tal-fatt li l-introjtu tal-intimat huwa wiehed baxx hafna, il-qorti thoss li mhux opportun li d-digriet taghha stess jigi varjat jew awmentat kif tixtieq l-attrici u dan *stante* wkoll li qed tkun l-attrici li b'mod uniku tippercepixxi l-beneficcji socjali wkoll. Fic-cirkustanzi ghalhekk il-qorti thoss li l-manteniment ghall-minuri li ghandu jithallas mill-intimat ghandu jkun dak ta' €250 kull erba` gimghat flimkien ma' nofs l-ispejjez relattivi mas-sahha u l-edukazzjoni tal-istess minuri.

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

Il-qorti tirrileva li mill-provi migbura quddiemha, jirrizulta bl-aktar mod car li tul il-hajja tal-minuri, kienet l-attrici li b’mod konsistenti hadet hsieb lill-minuri u dan anke in vista tal-fatt li l-intimat ma tantx ta sehem fit-trobbija

taghhom, anzi pjuttost kien missier assenti f'hajjithom. Kif diga' inghad aktar 'il fuq, il-qorti trid necessarjament tara li l-ahjar interessi tal-minuri huma salvagwardjati akkost ta' kollox u dan anke in vista tal-obbligazzjonijiet internazzjonali li l-qorti hija marbuta bihom. F'dan l-istadju ssir referenza ghas-sentenza moghtija fil-kawza fl-ismijiet **M. Bonnici vs Onor J. Raynaud** (deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili 1947, Vol. 33D 1947) fejn gie dikjarat li "***Il-principju li ghandu jipprimeggja, meta l-Qorti tigi biex taghti provvediment dwar il-kura tat-tfal huwa dak li huwa suggerit mill-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantagg ghall-interess tal-istess tfal***" kif ukoll ghall-kawza fl-ismijiet **Dr. V. Randon vs J. Randon u Scifo Diamantino vs M. Scifo Diamantino** (deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili 1972) fejn gie ritenut li "***r-regola generali f'din il-materja hi l-ahjar interess u vantagg tat-tfal***". Il-qorti ma thossx li huwa l-kaz li tkompli tamplifika b'kazistika li jkomplu jaghti sostenn lil dan l-argument stante li ma tezisti ebda kontestazzjoni dwar fuq x'hiex ghandha tkun bazata d-decizjoni tal-qorti.

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-qorti qieghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici b'dan illi tordna li l-kura u l-kustodja tal-minuri J D B u N D B ghandha tigi fdata f'idejn l-attrici A B b'dan illi l-intimat ikollu access ghall-istess minuri kull nhar ta' Erbgha mill-5.00pm sas-7.00pm u b'mod alternattiv kull nhar ta' Sibt jew Hadd mid-9.00am sal-11.00am b'dan illi l-minuri m'ghandhomx jittiehdu f'postijiet mhux adattati ghat-tfal inkluzi izda mhux limitatament ghal kazini u kmamar tan-nar;
2. Tilqa' t-tieni talba;
3. Tilqa' t-tielet talba u tiffissa r-retta alimentarja favur l-imsemmija minuri fis-somma ta' €250 kull erba` gimghat oltre nofs l-ispejjez tas-sahha u l-edukazzjoni tal-istess ulied, liema manteniment ghandu jithallas permezz ta' pagament dirett mill-paga tal-konvenut intimat;
4. Tilqa' r-raba' talba u tikkundanna lill-intimat ihallas tali somma hekk kif likwidata.

Bl-ispejjez kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------